# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF
## ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2002**

**Numru 41.**

**Citazzjoni Nru. 934/98GV**

**Doc. 223-02**

**Philip u Maria konjugi Seguna**

**vs**

**Kunsill Lokali Zebbug**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ppremettew illi fl-1997 il-Kunsill Lokali konvenut ghamel sejha ghall-*tenders* ghat-tindif urban fil-lokal ta' Haz-Zebbug;

Premess illi l-istanti Philip Seguna tefa' l-offerta’ tieghu ghal dan il-kuntratt izda nonostante li l-prezz minnu ndikat fl-offerta’ kien l-orhos wiehed fost it-*tenderers*, l-istess Kunsill Lokali opta biex jassenja l-kuntratt lil terzi, u dan minghajr ebda gustifikazzjoni;

Premess illi din id-decizjoni tal-Kunsill Lokali konvenut kienet wahda arbitrarja, diskriminatorja u pregudizzjevoli fil-konfront tal-atturi u dan kif jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Premess illi b'rizultat tad-decizjoni tieghu l-Kunsill Lokali konvenut arreka danni lill-istanti;

L-atturi talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi d-decizjoni tal-Kunsill Lokali konvenut li tassenja t-*tender* ghal tindif urban f'Haz-Zebbug lil terzi minflok lill-atturi kienet wahda arbitrarja, ingustifikata, illegali u pregudizzjevoli fil-konfront tal-istanti;

2. konsegwentement tillikwida bl-operat ta' perit nominand id-danni sofferti mill-istanti b'konsegwenza tad-decizjoni hekk mehuda;

3. tikkundanna lill-istess Kunsill Lokali konvenut ihallas lill-istanti s-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tat-tlettax (13) ta' Ottubru, 1997 u tal-ittra legali tat-tlieta (3) ta' Ottubru 1997, kontra l-Kunsill Lokali konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 9 fejn eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok l-atturi m'ghandhomx interess guridiku li jippromovu l-azzjoni stante illi l-Kunsill Lokali ipproceda b'mod regolari, korrett, oggettiv u trasparenti u konformament mal-ligi u ghalhekk d-diskrezzjoni fid-decizjoni tal-Kunsill m'hiex sindikabbili. Il-Kunsill kien liberu jaghzel kwalunkwe offerta’ u f'kull kaz l-offerta’ ta' Seguna ma kienitx l-irhas offerta’.

Fit-tieni lok ghandhom jigu imsejha fil-kawza l-Ko-operativa tal-Indafa Pubblika.

Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti jichad emfatikament li d-decizjoni tal-Kunsill kienet xi wahda arbitrarja, ingustifikata jew illegali, anzi l-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug mexa bl-aktar mod oggettiv u trasparenti fl-ghazla tat-*tender* in kwistjoni u anke in konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Illi fir-raba' lok, l-attur kien jaf li kien hemm il-possibilita' li l-offerta’ tieghu ma tinghazilx u konsegwentement ma jistghax jallega li sofra xi danni u f'kull kaz, u dan jinghad minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja, anke jekk tigi akkolta l-ewwel talba, ma hemm l-ebda ness guridiku li jintitola lill-attur jirreklama d-danni minghand l-eccipjenti kif mitluba fit-tieni u tielet talbiet.

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 44;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tiddikjara u tiddecidi illi d-decizjoni tal-Kunsill Lokali konvenut li tassenja t-*tender* ghal tindif urban f’Haz-Zebbug lil terzi minflok lill-atturi kienet wahda arbitrarja, ingustifikata, illegali u pregudizzjevoli fil-konfront taghhom; konsegwentement tillikwida id-danni sofferti mill-istanti b’konsegwenza tad-decizjoni hekk mehuda; tikkundanna lill konvenuti ihallsu lill-istanti s-somma hekk likwidata in linea ta’ danni.

**ECCEZZJONIJIET**

It-tieni eccezzjoni tal-konvenuti kienet giet michuda bis-sentenza a fol. 44.

Fl-ewwel eccezzjoni l-konvenuti qalu li l-atturi m'ghandhomx interess guridiku li jippromovu l-azzjoni stante li l-Kunsill Lokali ipproceda b'mod regolari, korrett, oggettiv u trasparenti u konformament mal-ligi u ghalhekk id-diskrezzjoni fid-decizjoni tal-Kunsill m'hiex sindakabbili. Il-Kunsill kien liberu jaghzel kwalunkwe offerta' u f'kull kaz l-offerta' ta' Seguna ma kienitx l-irhas offerta'. Fit-tielet eccezzjoni l-konvenuti qalu li d-decizjoni taghhom ma kienitx wahda arbitrarja, ingustifikata jew illegali, anzi l-Kunsill mexa' bl-aktar mod oggettiv u trasparenti fl-ghazla tat-*tender* inkwistjoni u anke in konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

Fl-ahharnett l-atturi kienu jafu li hemm il-possibilita' li l-offerta' taghhom ma tinghazilx u konsegwentement ma jistghux jallegaw li sofrew xi danni u f'kull kaz u anke jekk tigi akkolta l-ewwel talba, ma hemm l-ebda ness guridiku li jintitola lill atturi jirreklamaw id-danni minghand l-eccipjent kif mitluba fit-tieni u tielet talba.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-kaz in ezami l-atturi qed jissottomettu li d-decizjoni tal-kunsill lokali kienet wahda arbitrarja, ingustifikata, illegali u pregudizzjevoli fil-konfront taghhom billi dina ttiehdet wara pressjoni kbira u intimidazzjoni li saret fil-konfront tal-kunsill mill-Koperativa ta' l-Indafa Pubblika.

Minn naha l-ohra l-konvenuti ssottomettew li huma ma kienux gew intimidati u lanqas saret pressjoni fuqhom biex jiddeciedu kif iddecidew, u li d-decizjoni taghhom kienet bazata biss fuq l-ahjar interess tar-rahal ta' Haz Zebbug.

Illi mill-provi prodotti jirrizultaw il-fatti li huma riportati fl'addenda li kien ghamel is-sindku u li kien baghat lid-Dipartment tal-Kunsilli Lokali b'riferenza ghall-incidenti li kienu nqalghu. Dawn il-fatti jinsabu a fol. 129 et seq tal-process.

Mill-ezami tal-provi prodotti u mill-fatti kif graw dina l-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li d-decizjoni li ha l-Kunsill Lokali dak in-nhar tal-1 ta' Ottubru, 1997 kienet wahda vvizzjata billi ittiehdet taht pressjoni maghmula mill-koperativa ta' l-indafa pubblika u li l-kunsill gie sfurzat jiddeciedi bil-mod kif iddecieda.

Jirrizulta li l-atturi kienu tefghu l-orhos offerta' (wara li l-offerta' ta' Abdilla ma gietx accettata) izda l-konvenuti riedu li l-atturi u l-koperativa, li giet it-tielet, jaghmlu l-prova. L-atturi kellhom jaghmlu il-prova fl-ewwel hmistax ta' Ottubru mentri l-koperativa fl-ahhar hmistax (ara addenda data 18/9/97). L-atturi kienu accettaw li jaghmlu l-prova izda l-koperativa irrifjutat li taghmel dina l-prova (ara ittra 143). Il-koperativa anke irrifjutat li tipprezenta *work plan* mentri l-atturi ipprezentaw *work plan* (ara fol. 76).

Gurnata qabel ma l-atturi gew biex jaghmlu l-prova l-koperativa kienet iltaqghet mas-Sindku u heddew lill Kunsill (lis-Sindku u lis-segratarja - ara addenda fatti data 30/9/97)) li bl-ebda mod ma kienu ser jippermettu lill atturi jaghmlu l-prova, allavolja l-atturi kienu diga' inghataw l-ordni mill-Kunsill biex jaghmlu l-prova. Billi s-sindku beza' li l-ghada setgha jinqala' l-inwkiet, hu kien informa lill pulizija. L-ghada kien inqala' l-inkwiet u l-koperativa ma hallitx lill atturi jaghmlu il-prova. Kellhom jintervjenu l-pulizija u l-Kunsill waqqaf lill atturi milli jkomplu bil-prova u ddecidew li jghamlu laqgha urgenti tal-Kunsill ghal filghaxija (ara fol. 146) dak in nhar stess biex jiddeciedu fuq l-assenjazzjoni tat-*tender*. Kien gie xjolt is-sottokumitat tal-ghazla u imqabbad sottokumitat iehor u dan iltaqa' fit-8.30 p.m. u f'xid-9.30 p.m. il-Kunsill iddecieda fuq dak li rrakkomanda dan is-sottokumutat (ara vot fol. 151) li jaghti t-*tender* lill koperativa. Wara ftit xhur li hadet il-kuntratt, il-koperativa ma

bdietx taghmel xoghol tajjeb u toqghod ghat-termini tal-kuntratt, u wara sena l-kuntratt, li kellu jkun ghall tlett snin, gie terminat.

Illi minn dawn il-provi u fatti jirrizulta li l-Koperativa ma kientx ghamlet il-prova li kellha taghmel skond kif ordnata mill-Kunsill biex tkun tista' tikkompeti ghat-*tender* u l-istess koperativa lanqas halliet lill atturi jaghmlu l-prova.

Tant inqala' nkwiet li kellha tintervjeni l-Pulizija u baqghet hemm sa filghaxija sakemm ivvotaw il-kunsilliera.

Minflok thassar kollox minhabba dawk ic-cirkostanzi, il-Kunsill ma halliex lill atturi jaghmlu l-prova, u billi kien hemm ferment shih iltaqa' b'urgenza fil-ghaxija u bil-maghluq u ddecieda li jassenja l-kuntratt lill koperativa. Is-Sindku astjena, f'dawk ic-cirkostanzi u tefa' vot invalidu.

Is-Sindiku xehed li kien prevvist li s-sottokumitat jivvota bil-maghluq minn qabel (ara addenda fatti data 8/8/97), izda hu xehed ukoll li l-process f'dana l-kaz ried li jsir kollu bil-mitfuh, u allura l-Qorti tistaqsi kellu jkun biss meta nqala' l-inkwiet u kien hemm dika l-pressjoni kollha, li jaghmel kollox bil-maghluq u fis-satra tal-lejl ? Ta' min imbaghad jinnota li s-sottokumutat tal-ghazla kien gie xjolt dakinhar, u gie nominat sottokumitat iehor, li vvota wkoll bil-maghluq.

Il-Kunsillieri li xehdu quddiem dina l-Qorti qalu li huma ddeciedew kif iddecidew minghajr pressjoni ta' hadd izda l-fatti jmeru dak li xehdu. Kif setgha l-kunsill liberament jaghti l-kuntratt lill atturi meta l-koperativa kienet sahansitra qed toggezzjona li l-atturi jaghmlu l-prova, u ghax oggezzjonaw, il-Kunsill biddel kollox u ma halliex lill atturi jaghmlu l-prova. Kif setgha l-kunsill jassenja l-kuntratt lill koperativa meta dina ma kienitx qghadet ghall kondizzjonijiet li l-istess kunsill kien impona, waqt li l-atturi riedu joqghodu ghall prova ma thallewx jaghmlu l-prova mill-koperativa.

Rina Pace xehdet li minhabba l-laqgha li kienet saret fil- 30 ta' Settembru, 1997 fejn il-koperativa insistiet b'forza li l-atturi ma kienux ser jitthallew jaghmlu l-prova, l-ghada huma biddlu kollox, cioe' marru lura mid-decizjoni taghhom li jhallu lill atturi jaghmlu l-prova (fol. 60) - Jekk dan mhux theddid, x'inhu ? F'dawk ic-cirkostanzi kemm kien liberu l-kunsill li jiddeciedi minghajr indhil. Is-sindku stess xehed li dak inhar intuza kliem ibes fil-konfront tieghu u tas-segretarja tant li hu kellu jikteb lill koperativa u jigbdilhom l-attenzjoni dwar l-attitudini taghhom (ara fol. 149). Pace kienet xehdet ukoll (ara fol. 61) li l-votazzjoni saret bil-maghluq billi l-membri hassew li kulhadd ghandu familja tieghu u ghalhekk bezghu li setghu jaghmlulhom xi haga.

Kwantu ghas-sottomissjoni tal-konvenuti li *se mai* il-kunsill m'ghamel xejn hazin, imma kienu l-membri individwalment, il-Qorti tirrileva li d-decizjoni ttiehdet mill-membri li jiffurmaw il-kunsill ghall kunsill. Il-kunsill jagixxi tramite id-decizjonijiet li jiehdu l-membri tieghu.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-ewwel talba ta' l-atturi ghandha tigi milqugha.

Dwar it-tieni talba, l-partijiet ghadhom ma gabux provi ghalhekk il-Qorti ser tiddifferixxi l-kawza ghall-provi dwar id-danni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' l-ewwel talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra l-konvenuti u tiddifferixxi l-kawza ghal provi dwar id-danni ghall…

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**